MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Numru 32/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
**V**

**NICHOLAS AGIUS**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **NICHOLAS AGIUS** ta' sitta w ghoxrin sena, bin John u Victoria nee Sammut, imwieled San Giljan nhar l-erbatax ta' Lulju 1976 u joqghod Blokk G-1, Flat 1, Housing Estate, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 355176M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. talli nhar s-sittax ta' Awissu 2000 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi Fi minn diversi vetturi liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, x-xorta tal-haga

misruq, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-detriment ta' persuni mhux maghrufa;

2. talli fix-xhur ta' qabel s-sittax ta' Awissu 2000, minn gwwa l-'Well Done Confectionery', sitwat fi Triq il-Mensija, San Gwann, ikkommetta serq ta' top-up vouchers u telecards, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna ghad-detriment ta' Joseph Portelli minn San Gwann;

3. talli fix-xhur ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000, minn gewwa l-istabbiliment 'Misty Blue' sitwat fi Triq l-Imrejkba, San Pawl, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

4. talli fix-xhur ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000, minn gewwa l-lukanda 'Palm Court' sitwat fi Triq t-Tamar, Bugibba, ikkommetta serq ta' video recorder, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

5. talli fix-xhur ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000, minn gewwa l-lukanda 'Concorde' sitwat fi Triq l-Halel, Bugibba, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li ma jeccidx l-elf lira maltin ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

6. talli fil-gimgha ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000, minn gewwa l-lukanda 'Santana' sitwata fi Triq Ghawdex, Qawra, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

7. talli fil-gimgha ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000, minn gewwa l-'Jokers Cafe' sitwat fi Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

8. talli fix-xhur ta' qabel is-sittax ta' Awissu 2000, minn gewwa l-'Eden Super Bowl' sitwat fi Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-hin ghad-detriment tas-sidien rispettivi;

9. talli fis-sittax ta' Awissu 2000 u fix-xhur ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement

laqa ghandu jew xtara hwejjeg u cioe l-affarijiet imsemmija aktar 'l fuq misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun nhdahal biex jbieghhom jew imexxihom;
10. talli fis-sittax ta' Awissu 2000 u fix-xhur ta' qabel f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiheor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin izda ma tiskoriz l-hames mitt lira maltin ghad-detriment tal-persuni imsemmija aktar 'l fuq.

Illi nhar t-tnax ta' Novembru 2003, din il-Qorti b'sentenza taghha fl-ismijiet premessi kienet sabet lil imputat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, fuq ammissjoni tieghu stess, **ta' serq w ikkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija** b'dan pero li a tenur tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-piena ta' prigunerija **ma kellix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erbgha snin minn dakinhar il-hati Nicholas Agius jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija** u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali **poggitu taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg bhala ufficjal sorveljanti ghal zmien kollu tal-perjodu operattiv cioe dak ta' erbgha snin** minn dakinhar u bhala wahda mill-kundizzjonijiet ta' dik l-ordni, l-imputat probationer **kellu jispicca l-kors kollu ta' rihabilitazzjoni** li huwa kien beda ma Santa Marija.

Rat li l-istess Qorti kienet fissret fi kliem car lil imputat kemm r-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul il-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti ta' dik l-ordni ta' supervizzjoni.

Rat li dakinhar din l-istess Qorti kienet wkoll ikkundannatu <u>jhallas multa ta' mitejn lira maltin liema multa kellha tithallas in kwantu ghal mitt lira maltin sa zmien sena minn dakinhar u l-mitt lira bilanc sa zmien sentejn minn dakinhar</u>.

Illi b'rikors ppresentat mill-Probation Officer Carmen Borg nhar t-tlieta ta' Marzu 2004, fejn infurmat lil Qorti li nhar l-

ewwel ta' Marzu 2004, hija kienet giet infurmata minn Josette Camilleri, rappresentant tal-agenzija Sedqa, li Nicholas Agius kien gie sospiz ghal perjodu indefinit mill-programm residenzjali Santa Maria nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2004, liema informazzjoni kienet giet wkoll konfermata lilha minn Ray Grech, il-persuna responsabbli mill-programm Santa Maria li wkoll kompla jsostni li l-kaz tieghu kien ser jigi diskuss minn membri tal-agenzija Sedqa sabiex jigi deciz dwar jekk  Nicholas Agius ghandux jerga jidhol gewwa l-programm residenzjali Santa Maria jew le.

Ir-raguni ghal din is-sospenzjoni ta' Nicholas Agius kienet ghaliex l-istess Ray Grech kellu informazzjoni minn tlett residenti ohra li Nicholas Agius kien involut f'attivita li kienet tmur kontra r-regolai bazici tal-istess komunita u cioe li Nicholas Agius, flimkien ma residenti ohra, kien involut f'abbuz ta' sustanzi illegittimi, liema abbuz sehh fl-istess residenza Santa Maria, liema fatt, meta Nicholas Agius gie konfrontat bih, qatt ma ammetta anzi nnega kollox.  Ray Grech kompla jsostni li nhar l-hmistax ta' Frar 2004 ittiehed kampjun tal-awrina ta' Nicholas Agius li rrizulta fin-negattiv ghalkemm qabel telaq mill-programm ittiehed kampjun iehor li kien ghad ma kienx hemm rizultat tieghu.

Illi l-imsemmija Probation Officer Carmen Borg sostniet li Nicholas Agius lilha qatt ma nfurmha b'din is-sospenzjoni tieghu mill-programm residenzjali f'Santa Maria u li meta hija tkellmet mal-key worker tieghu certa Angele Farrugia, din il-key worker qaltilha li Nicholas Agius ma kienx gie f'kuntatt maghha.  Qalet wkoll li nhar t-tlieta ta' Marzu 2004, Nicholas Agius kien attenda ghal appuntament moghti lilu minnha u meta staqsitu ghal spjiegazzjoni dwar is-sospenzjoni tieghu mill-programm residenzjali Santa Marija u dwar dak li kien allega fil-konfront tieghu Ray Grech u cioe li kien abbuza mid-droga fl-istess residenza Santa Maria, dan Nicholas Agius baqa jsostni li ma ha ebda droga u li lanqas ma kellu nformazzjoni x'jghaddi lil awtoritaijiet tal-programm.

Illi ghalhekk, b'digriet taghha tal-hmistax ta' Marzu 2004, din il-Qorti ordnat notifika ta' dan l-att lil imputat u appuntatu ghas-smiegh ghal nhar s-sbatax ta' Marzu 2004.

Illi nhar **l-hamsa ta' April 2004 xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg** [fol 42 et seq] fejn qalet li l-imputat kien gie sospiz b'mod indefinittiv mir-residenza ta' Santa Marija ghaliex l-imputat kien kiser xi regoli bazici taghhom.

Illi fl-istess data tal-**hamsa ta' April 2004 xehed Raymond Grech** [fol 44 tal-atti] fejn qal li kienet d-decizjoni tal-amministrazzjoni ta' Santa Marija li l-imputat ma jkomplix bil-programm residenzjali ghaliex fil-fehma tieghu, l-imputat ma kienx sincier f'incident li kien sehh f'weekend partikolari meta kien hareg mill-komunita flimkien ma zewg inmates ohra.
Illi nhar l-**erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg** [fol 47 et seq] **esibit up date report** ta' Nicholas Agius mill-ETC mmarkata bhala dokuemnt ETC a fol 48 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li Nicholas Agius ghandu impjieg regolari mas-socjeta Salvino Borg & Sons Limited bhala assistant fic- *cheese counter*.

Illi nhar **l-hdax ta' Ottubru 2004 reghhet xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg** [fol 57 et seq] fejn qalet li kienet giet ikkuntattjata minn Angie Farrugia mis-Sedqa, li qaltilha li Nicholas Agius kien attenda appuntament maghha nhar l-ewwel ta' Ottubru u ta *urine sample* li hareg negattiv ghal kollox, eroina, kokaina, cannabis u ecstacy u li kienet ser tibda tarah darba fix-xahar u kull darba kien ser jittehidlu *urine sample*. Qalet li mir-records tal-ETC rrizultalha li Nicholas Agius kien ghadu jahdem fuq bazi *full time* ma Salvino Borg and Sons Limited f'San Giljan bhala *cheese counter assistant*.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz in ezami ma hux kontestat li fil-fatt l-imputat probationer kiser l-ordni tal-probation fuq imsemmija b'nuqqas ta' ko-operazzjoni mad-dirigenti tal-

programm ta' Santa Maria, b'hekk ma komplix l-programm residenzjali.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation u jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … jew tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tat-tnax ta' Novembru 2003 kienet apparti li poggiet lil imputat taht probation, ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qiset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet wkoll ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin. Jigifieri f'dan il-kaz din il-Qorti kienet gia ttrattat mal-hati bis-sentenza taghha ghal piena karcerarja sospiza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa.

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer NICHOLAS AGIUS ma tistax terga taghti kundanna ohra ghal istess reati oltre dik li kienet gia tat fl-ewwel sentenza taghha u l-unika triq li hija miftuha ghaliha hi dik li timponi kundanna ta' hlas ta' amenda ta' mitt lira maltin bhala kastig ghal ksur ta' ordni ta' probation *ut sic* imma mhux ser izzid fuq il-kundanna li nghatat bis-sentenza fuq citata.**

**Peress li l-imputat probationer llum ghandu impjiega fiss ma Salvino Borg and Sons Limited, il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat probationer jhallas l-amenda inflitta f'erbgha rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira kull wiehed b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Novembru 2004.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------